# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Gimgha 28 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 483/2018JPG**

**Kawza Numru : 28**

**MG**

**vs**

**MB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MG, datat 30 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu ir-Rabat, Malta nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disa mija disgha u tmenin (1989) liema zwieg huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, bin-numru elf u mitejn tas-sena disa mija disgha u tmenin (1200/1989).*

2. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzewga ghal dawn l-ahhar seba (7) snin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin dana minbarra li ilhom legalment separati mis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Dokument tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok S1').*

3. *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega*

*ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MB, datata 29 ta' Jannar 2019, a fol 17, li taqra hekk:

1. *Illi hija taqbel li l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Lulju 1989 u li l-istess kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin datat 17 ta' Dicembru tas-sena 2014;*

2. *Illi hija taqbel ukoll li llum il-gurnata ma jezisti ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

3. *Illi hija taqbel li l-elementi rikjesti mill-Artikolu 66B tal-Kapitoli 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti w ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti m'ghandix tippronunzjax l-hall taz-zwieg kif qieghed jitlob ir-rikorrenti;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MG** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Lulju 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-17 ta' Dicembru 2014, separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, u li m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MB** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Lulju, 1989 (vide Dok A 1fol 25);

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin, datat 17 ta' Dicembru 2014 (vide Dok.S1 fol 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilhu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**